

Brussell, 15 ta' April 2020
(OR. en)

7332/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0025(NLE)

UD 61

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura interni tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. Fl-14 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-Proposta msemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-Proposta u fit-13 ta' Marzu 2020 laħaq qbil dwar it-test.
3. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista':
 - jikkonferma l-qbil milħuq fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma, u
 - jiddeċiedi - meta titqies is-sitwazzjoni eċċezzjonali attwali - f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokumenti ST 6882/20 u ST 6932/20 (testi riveduti mill-ġuristi lingwisti).